**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum il-5 ta' Gunju, 2024**

**Rikors numru: BCT/11/2024**

**Membri:**

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sersero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng(Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

---

**Tanja Van Poucke**

**vs**

**Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

**It-Tribunal,**

Ra l-appell li sar permezz ta' email iffirmata minn Vincent Bugeja a nom ta' martu l-appellanti Tanja Van Poucke li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemmhekk moghtija, l-appellanti ikkontestata id-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 9 ta' Frar, 2024 li permezz taghha l-appellanti twaqqfet milli tkompli bl-izvilupp u imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' hames mitt euro (€500) peress illi fid- 9 ta' Frar, 2024 u fil-granet jew xhur ta' qabel, saru xogholijiet ta' kostruzzjoni li mhux konformi mal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.06, senjatament minhabba li komplejt xoghol ta' kostruzzjoni wara li nharget ordni ta' twaqqif fit-23 ta' Ottubru, 2023.

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi preliminarjament l-esponenti Awtorita` qeghda tissolleva li gjaladarba l-penali amministrattiva thallset l-appell odjern huwa sorvolat.*

2. *Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

3. *Illi, minghajr pregudizzju ghal dak sottomess preliminarjament, jidher bl-aktar mod car, hekk kif ser ikun ikkonfermat mill-ufficjali tal-Awtorita` li sar xoghol durante li kien hemm avviz ta' infurzar (stop works). Qeghdin jkunu annessi Dok A (trial of events – sic), Dok B, C u D liema huma ritratti li juru il-progress tax-xoghol.*

4. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qiegheda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra illi l-appellanti, kif rapprezentata minn zewgha Vincent Buttigieg, irreplika ghal din ir-risposta fid-29 ta' Marzu, 2024.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' x-xhieda u l-kontro-ezami ta' Vincent Buttigieg waqt is-seduta tat-22 ta' Mejju, 2024.

Ra l-verbali tas-seduta datata 22 ta' Mejju, 2024.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Ra wkoll is-sentenza moghtija minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut fl-ismijiet *Vincent Buttigieg v. Awtorita` tal-Bini u l-Kostruzzjoni* (BCT/46/2023) datata 4 t'April, 2024.

Ra li l-kawża tħalliet għas-senteza għal-llum.

**Ikkunsidra**

Illi t-Tribunal ser jindirizza fl-ewwel lok il-punt preliminari sollevat mill-Awtorita` intimata fejn, permezz tieghu, l-Awtorita` targumenta illi "*gjaladarba l-penali amministrattiva thallset l-appell odjern huwa sorvolat*".

Illi f'dan ir-rigward ir-replika tal-appellanti tipprovdi li tali pagament m'ghandux jitqies "*bhal li kieku hemm xi ammissjoni ta' tort min-naha taghna. Dan mhux minnu ghax il-penali kienet mhallsa TAHT PROTESTA biex jieqaf ir-rikatt minn-naha tal-Awtorita` li jew tithallas il-penali jew ma jitnehhhiex l-rdni ta' Stop Works.*" L-istess appellanti tkompli targumenta fl-istess replika li, "*skond il-prattici legali (...) penali, multa, sentenza hi x'inhi tkun valida wara li jinqata' l-appell dwarha, jekk dan ikun sar. Izda l-BCA imxiet totalment l-oppost. Inharget il-penali u mmedjatament beda r-rikatt; jew thallas jew ma titnehhiex l-iStop Works ghandek ragun jew m'ghandekx.*" L-appellanti tkompli tikkontendi wkoll li l-Awtorita` intimata kienet harget penali ohra qabel dik odjerna li nharget fuq il-bazi tal-argument li x-xoghol tkompla minkejja l-iStop Works.

Illi waqt ix-xhieda tieghu moghtija waqt is-seduta tat-22 ta' Mejju, 2024, Vincent Buttigieg ikkonferma li l-multi hallashom f'daqqa u hallashom taht protesta, minghajr talba ghas-sospensjoni. Huwa stqarr ukoll li l-ewwel penali giet mahfura ghax l-appell tieghu intlaqa'.

Illi fil-fatt jirrizulta li permezz ta' decizjoni datata 4 t'April, 2024 dan it-Tribunal kif diversament presjedut, ghar-ragunjiet hemmhekk moghtija laqa' l-appell tal-appell ta' Vincent Buttigieg u rrevoka id-decizjoni tal-Awtorita` intimata fil-konfront tal-istess Vincent Buttigieg datata 10 t'Ottubru, 2023. Ma jidhirx li f'dak il-kaz tressqet l-eccezzjoni tal-pagament tal-multa.

Illi ghandu minnufih jigi nutat li, bil-kontra ta' dak li jissottometti r-rapprezentant tal-appellanti, l-art. 45 tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment is-segwenti:

> *Appell ma għandux jissospendi l-effetti tad-deċiżjoni appellata:*

*B'dana illi l-appellant jista' jitlob is-sospensjoni tal-ordni, ruling jew deċiżjoni appellata sakemm jinqata' l-appell.*

Illi ghaldaqstant, fin-nuqqas ta' talba da parti taghha ghas-sospensjoni tal-penali imposta, l-appellanti ma jistax validament jilmenta mill-fatt li l-Awtorita` ghaddiet sabiex tenforza l-istess billi tezigi l-hlas. Filwaqt, allura, li l-agir tal-Awtorita` ma jammontax ghal xi forma ta' rikatt kif ilmentat mill-appellanti, dan ma jfissirx pero` li, bil-hlas, l-effett tal-appell interpost jista' jigi b'xi mod affetwat jew sahansitra nullifikat. Fil-fatt, kif gie diversi drabi nutat min dan it-Tribunal, "*il-ħlas tal-penali ma jnaqqas xejn mid-dritt tal-appellant li jappella minn dik id-deċiżjoni b'dan li l-ħlas ikun sar bi protesta*" (ez. BCT/56/2023). Huwa car li f'dan il-kaz ukoll il-hlas sar taht protesta.

Illi ghaldaqtant din l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita` qed tigi michuda.

Illi, fir-rigward tal-bqija tal-eccezzjonijiet, jigi nutat li l-penali inharget:

*"Peress illi fid-9 ta' Frar, 2024 u fil-granet jew xhur ta' qabel, saru xogholijiet ta' kostruzzjoni li mhux konformi mal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.06, senjatament minhabba li komplejt xoghol ta' kostruzzjonijiet li nharget ordni ta' twaqqif fit-23 ta' Ottubru, 2023*". Mit-Trail of Events prezentata mill-istess Awtorita` jirrizulta li fit-23 t'Ottubru, 2023 inhareg avviz ta' twaqqif tax-xogholijiet. Sal-25 t'Ottubru, 2023 ma gie nutat ebda xoghol fuq is-sit. Fil-31 ta' Jannar, 2024 l-Awtorita` talbet kopja tar-ricevuta tal-hlas tal-ewwel penali imposta u giet infurmata li l-penali kienet qed tigi kontestata fl-1 ta' Frar, 2024. Fit-8 ta' Frar, 2024 intalbet clearance u l-ghada 9 ta' Frar, 2024 l-appellanti giet informata li ebda "*clearance for any works or part thereof shall be issued by the Authority if any balance due from any administrative penalties are still due to the Authorityby reason of breach against these regulations*". L-istess inghad ukoll fir-rigward tat-trasferiment tal-klijent / site manager. Dakinhar stess gie nutat xoghol li kompla u nharget il-penali odjerna. Iz-zewg penali thallsu flimkien u taht protesta fl-20 ta' Frar, 2024.

Illi dan it-Tribunal kif diversament presjedut permezz tas-sentenza datata 4 t'April, 2024, kopja taghha ezebita in atti, irrevoka l-ewwel penali amministrativa imposta. Ghalkemm huwa minnu li l-appellanti jidher li komplew ix-xogholijiet minkejja l-avviz mahrug fil-konfront taghhom, jirrizulta nmis-surreferit li tali avviz kien inzamm fis-sehh mill-Awtorita` biss abbazi tal-fatt li

l-ewwel penali kienet ghadha ma thallsitx. Kif jinghad, dan it-Tribunal kif diversament presjedut fis-sentenza surreferita diga` ddetermina li l-Awtorita` mxiet hazin meta harget l-ewwel penali ghaliex "*dak li kien qieghed isir fil-kaz in kwistjoni ma huwiex meqjus bhala 'xogholijiet ta' kostruzzjoni' u minflok, jaqa' aktar taht xogholijiet ta' finitura*".

Dan it-Tribunal konsegwentement isib li l-hrug ingust ta' tali penali fuq bazi illegali ma setghax lanqas isservi sabiex legalment iwaqqaf ix-xogholijiet milli jitkomplew fid-data li fiha ntalbet il-clearance neccessarja f'dan ir-rigward. Lanqas setghet l-ewwel penali, mhux legalment gusta, legalment twassal ghall-hrug tal-penali odjerna tenut kont li tali ordni ta' twaqqif kien, fil-verita`, baqa' bis-sehh semplicement ghaliex l-appellanti ghazlu li, gustament, jikkontestaw – u kwindi ma jhallsux - l-ewwel penali.

Fil-fatt, illum jirrizulta li l-appellanti kellha ragun taghmel dan – u kwindi li tikkontesta l-ewwel penali - in vista tad-decizjoni tat-Tribunal tal-4 t' April, 2024 u kwindi, gjaldarba l-ewwel penali kienet illegali, daqstant iehor l-Awtorita` ma setghetx abbazi tal-istess tirrifjuta l-clearance u timponi penali ulterjuri skont l-art. 11 tal-SL623.08 meta komplex ix-xogholijiet, dana b'rispett tal-principju legali li jezigi li dak li huwa kontra l-ligi ma jistax jipproduci effett legali (*quod nullum est nullum producit effectum*). F'dan il-kaz l-ewwel penali kienet inharget kontra l-ligi u kwindi l-fatt li giet gustament ikkontestata u ma thallsitx ma setghax iwassal sabiex jiggustifika l-hrug tad-decizjoni odjerna hawn appellata. Fi kliem semplici, ma kellu jkun hemm xejn li seta' jostakola il-hrug tal-clearance fit-8 ta' Frar, 2024 meta din intalbet gjaladarba l-penali giet validament kontestata.

Illi ghaldaqstant b'referenza ghall-eccezzjonijiet rimanenti tal-Awtorita`, it-Tribunal isib li dawn ghandhom jigu michudin.

**Decide**

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq qiegħed jilqa' l-appell u jħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorita' ta' nhar id-9 ta' Frar, 2024.

***** VERA KOPJA TAL-ORIĠINAL *****

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Philip M. Magri** | **Perit Robert Sersero** | **Ing. Anthony Camilleri** |
| Chairperson | Membru | Membru |